

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fit-  
23 ta' Novembru 2016 – Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob) vs Antonio Zecca**

**(Kawża C-597/16)**

(2017/C 063/21)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob)

Konvenut: Antonio Zecca

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta qorti taġhti deċiżjoni finali li tikkonstata li l-konvenut ma wettaqx ir-reat allegat, huwa jipprekludi, mingħajr il-ħtieġa għall-qorti nazzjonali li taġhmel evalwazzjoni ulterjuri, it-tnehdija jew il-prosekuzzjoni ta' proċedimenti ulterjuri bbażati fuq l-istess fatti bil-għan tal-impożizzjoni ta' sanzjonijiet li, minħabba n-natura u l-gravità tagħhom, għandhom jitqiesu bħala kriminali?
- 2) Fl-evalwazzjoni tal-effettività, tal-proporzjonalità u tan-natura dissważiva tas-sanzjonijiet, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ksur tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* li hemm riferiment għalih fl-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-qorti nazzjonali għandha tiegħu inkunsiderazzjoni l-limiti għas-sanzjonijiet kriminali stabbiliti fid-Direttiva 2014/57/UE? <sup>(1)</sup>

<sup>(1)</sup> Direttiva 2014/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' April 2014, dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż tas-suq (direttiva dwar l-abbuż tas-suq) (ĠU 2014, L 173, p. 179).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fit-  
28 ta' Novembru 2016 – Presidenza del Consiglio dei Ministri et vs Nello Grassi et**

**(Kawża C-616/16)**

(2017/C 063/22)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Presidenza del Consiglio dei Ministri, Gianni Pantuso, Angelo Tralongo, Maria Michela D'Alessandro

Konvenuti u rikorrenti incidentali: Nello Grassi, Carmela Amato, Università degli Studi di Palermo, Presidenza del Consiglio dei Ministri, Ministero della Salute, Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca

**Domandi preliminari**

- 1) Id-Direttiva Nru 82/76/KEE <sup>(1)</sup>, li emendat id-Direttivi Nru 75/362/KEE <sup>(2)</sup> u Nru 75/363/KEE <sup>(3)</sup>, għandha tiġi interpretata fis-sens li jaqa' fl-ambitu ta' applikazzjoni tagħha anki t-taħriġ għal tobba li qed jispeċjalizzaw, kemm full-time kif ukoll part-time, li kien diġà beda fil-31 ta' Diċembru 1982 u tkompla wara din id-data, sa liema data l-Istati Membri kellhom jadottaw il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw mad-Direttiva Nru 82/76/KEE, skont l-Artikolu 16 tagħha?